TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Decizjoni Nru 174

KAZ NRU 234

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Christine Bonnici

u

l-Management tal-Johnsons Clothing

dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta

Chairman: Mr A H Camilleri A.C.M.A., C.P.A.A.

Il-Ministru tax-Xoghol u Servizzi Socjali rrefera lil dan it-Tribunal b'ittra tat-19 ta' Jannar, 1983 taht id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(2) ta' l-Att Nru XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant qed jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm 5 seduti. L-appellant kien irrapresentat mis-Sur Richard A Matrenza filwaqt li s-Sur Silvio Borg u s-Sur Jos A Micallef dehru ghall-kumpanija Johnsons Clothing Ltd.

3. STATEMENTS OF CASE

Ghall-appellant gie sottomess li Christine Bonnici u Johnsons Clothing Ltd dahlu fi ftehim dwar kuntratt ta' xoghol indefenit. Dan il-kuntratt indefenit gie terminat hesrem u unilateralment mill-Principal tal-Kumpanija fil-15 ta' Novembru, 1982.

Il-Principal ma tax lill-impjegata Bonnici certifikat ta' temm ta' l-impieg bil-miktub skond ma titlob il-ligi Act 27 (1) ta' l-Att XI ta' l-1952.

B'ittra li l-Ministru tax-Xoghol li ggib id-data ta' 2 ta' Dicembru, 1982, Mrs Bonnici kitbet biex il-kaz jitressaq quddiem it-Tribunal Industrijali.

Saru xi tentattivi biex din il-kwistjoni tax-xoghol tintemm amikevolment izda dan ma sehhx min-naha tal-Principal.

.../2

4. Ghall-Kumpanija gie sottomess li Christine Bonnici kienet imsejha biex tahdem l-overtime fit-13 ta' Novembru, 1982 flimkien ma operators ohra. Minhabba li din il-gurnata kienet lejliet il-festa taz-Zejtun, u kien hemm xi xnighat fil-fabbrika li kien hemm min mhux ser jidhol ghax-xoghol, kull min kien imsejjah biex jahdem u kien miz-Zejtun, itella fl-ufficcju biex jigi spjegat lilu kemm kien importanti li jidhol ghall-overtime f'dik il-gurnata.

Kien hemm hames haddiema ohra, barra Christine Bonnici, li ghall-ewwel qalu li ma setghux jidhlu ghax-xoghol. Wara diskussjoni fl-ufficcju dawn raw il-bzonn li jidhlu jahdmu, u l-ghada s-Sibt dahlu ghax-xoghol. Izda Christine Bonnici baqghet isostni li ma kienitx ser tidhol ghax-xoghol. Waqt id-diskussjoni gie spjegat lilha li jekk ma tidholx ghax-xoghol ta' l-overtime, hi kienet ser titlef il-post tax-xoghol taghha u ghaldaqstant kienet infurmata li t-Tnejn ta' wara ma tithallhiex tidhol fil-fabbrika. Christine Bonnici xorta ma dahhlitx ghal-overtime is-Sibt 13 ta' Novembru, 1982 u dan kien ta' detriment ghall-Kumpanija, ghax kien hemm xoghol li kellu bzonn jinhadem ghax kien ghal 'export' u l-ebda cirkostanza ma setgha jistenna. Dan Christine Bonnici kienet tafu ghax gie spjegat lilha ghal diversi drabi. L-agir ta' Christine Bonnici kien assolutament irresponsabbli, specjalment meta r-raguni li giet moghtija (ghax kien lejliet il-festa) ma kienitx soda bizzejjed.

CHristine Bonnici b'mod l-aktar irresponsabbli ma tat l-ebda kaz ta' l-importanza ta' l-impieg taghha. L-impieg ta' kull haddiem huwa sagru, u hadd kemm min jahdem u kemm min ihaddem, ma ghandu jhares lejh bl-ebda mod iehor.

Christine Bonnici ma qesitx li l-impieg taghha kien sagru u ghalhekk ma ghozzitux, u bl-akbar irresponsabbilita ghamlet dak li deherlilha.

5. Instemghu dawn ix-xhieda

Ghall-Appellant

Miss Cettina Farrugia - Quality Controller
Miss Josephine Spiteri - Machine Operator

.../3

| | | |
|---|---|---|
| Miss Grace Camilleri | - | Machine Operator |
| Miss Rose Abdilla | - | Machine Operator |
| Miss Lourdes Galea | - | Machine Operator |
| Mrs Christine Bonnici | - | L-appellant |
| Mr J M Micallef | - | Co Secretary |

Ghall-Kumpanija

| | | |
|---|---|---|
| Dr M A Borg | - | Company Doctor |
| Mr Nazz Bonnici | - | ir-ragel ta' l-appellant |
| Mr Silvio Borg | - | Managing Director |
| Mr J Mallia | - | Production Manager |

6. It-Tribunal sema x-xhieda bl-akbar attenzjoni u wara qara t-transcript taghhom bir-reqqa.

7. SOTTOMISSJONIJIET FINALI

Ghall-appellant qara s-sottomissjonijiet finali s-Sur Richard Matrenza. Huwa qal li wara dak kollu li nstemgha fuq dan il-kaz huwa konvint illi l-kastig estrem tat-tkeccija ma kienx meritat ghan-nuqqas li sar. U dan qed jinghad ghax donnu fil-kumpanija Johnsons Clothing Co Ltd ma kienet tezisti l-ebda sistema u l-ebda policy. Ghal dan l-employer, procedura, sistema, donna tfisser biss 'discretion'.

Sahansitra, fid-'discretion' taghhom intuza kriterju differenti mal-hames haddiema l-ohra li ukoll ma kienux se jahdmu overtime. Dan imbaghad daru wara li kellimhom. Izda lil Mrs Bonnici ttrattawha differenti. Keccewha. Haddiema li kellha record nadif ta' impieg bla qatt xi 'warning' jew nuqqas iehor. Haddiema li skond il-Production Manager kien 'sodisfatt' biha.

Jigifieri li mhux biss li anqas fejn jidhol l-overtime ma hemm sistema kif u meta jissejjah izda l-anqas hadd mill-Management ma gieb provi bil-fatti tal-kastig meta wiehed ma jidholx ghal dan ix-xoghol. Kollox bid-discretion. Xejn car u tond li jigguida lill-Principal u lill-haddiem.

.../4

Anki dwar is-sistema ta' haddiema li jimirdu fit-tul. Anki dwar ir-rapporti tat-tabib tal-kumpanija. Kollox kif gie gie.

U ghal dawn ir-ragunijiet kollha illi nibqghu insostnu li din it-tkeccija saret kontra l-ligi u l-provvedimenti stabbiliti biex tkeccija tkun ghal raguni xierqa u gusta.

Ahna nibqghu insostnu li l-kumpanija mxiet ahrax ma Mrs Bonnici u ghazlet il-hastig l-aktar estrem meta setghet canfret u/jew ikkastigat b'mod iehor.

<u>Ghall-Kumpanija</u> qara s-sottomissjonijiet finali s-Sur J M Micallef - Segretarju tal-Kumpanija.

Il-Kumpanija tghid li f'din il-kwistjoni tax-xoghol gie allegat minn Mrs Christine Bonnici li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha kien ingust. Hi allegat illi ma dahlitx ghal over-time fit-13 ta' Novembru, 1982 ghax hi kellha xi mard li ma kienx ihalliha tahdem ghal aktar minn hamest ijiem fil-gimgha, u ghal tmien sieghat kull jum. Dan kollu gie allegat izda mhux ippruvat bl-ebda mod, tant li t-tabib, Dr Borg, ma xehedx hekk.

Kull ma qed tipprova taghmel Mrs Bonnici hu li tghid li kien hemm xi haga medika li lilha kienet izzommha milli tahdem overtime, izda ma ppruvatx bil-fatti u bid-dokumenti b'dan kien minnu. Tant li wiehed jista jghid bl-akbar certezza li Mrs Bonnici ma giebet l-ebda prova li hi kienet marida fit-13 ta' Novembru, 1982 u li kellha xi mard li jzommha milli tahdem overtime.

Mrs Bonnici qatt ma infurmat lil Management li ma setghetx tahdem overtime ghax ma kienitx tiflah. Hemm kazi ta' haddiema li ibatu minn xi tip ta' mard u ta' dan il-Kumpanija tiehu il-passi necessarji. Allura la Mrs Bonnici qatt ma tkellmet fuq il-mard taghha mas-superjuri tal-Kumpanija jidher li ma kienx hemm bzonn taghmlu.

Mix-xhieda intwera li, miz-zewg rapprezentanti tal-kumpanija li Mrs Bonnici kellmet, dawn it-tnejn qalu bil-gurament li l-

kwistjoni tal-mard ma ssemmitx lilhom, waqt li hi qalet bil-gurament li qalitulhom. Dan hu konflitt serju.

Jidher ukoll mix-xhieda li nstemghet, li Dr Borg ma kienx tal-fehma li Mrs Bonnici kellha xi mard li izommha milli tahdem overtime, waqt li hi qalet li t-tabib qalilha li ghandha tahdem biss mit-Tnejn sal-Gimgha. Dan hu konflitt serju iehor.

Il-Kumpanija minn naha taghha ikkonfermat li l-agir ta' Mrs Bonnici kien irresponsabli u dan hareg mix-xhieda li nstemghu.

Mrs Bonnici ammettit li s-Sur Silvio Borg, il-Managing Director, taha warning li jekk ma tidholx ghal overtime titlef l-impieg. Mrs Bonnici qalet li hasbet li s-Sur Borg kien qed jiccajta.

Donnhu Mrs Bonnici xejn ma kien jinkwetaha l-fatt li titlef l-impieg u Mrs Bonnici hija mara matura bizzejjed li suppost ma tiehux sitwazzjonijiet importanti bic-cajt.

Il-Kumpanija thoss li giebet bizzejjed provi li juru li t-tkeccija ta' Mrs Bonnici kienet gusta.

8. KUNSIDERAZZJONIJIET TA' TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Dan it-Tribunal jixtieq itenni l-principju sagrosant li l-impieg ta' kull haddiem huwa sagru. Min ihaddem ma ghandu l-ebda dritt li jkecci l-barra lil xi haddiem ghal xejn b'xejn; min naha l-ohra l-haddiem ghandu joqghod attent ferm biex jibza ghal impieg tieghu.

F'dan il-kaz partikolari, il-Managing Director kellu ragun jiehu passi kontra impjegata li ma obdietx ordni li ma kienitx kapriccusa. Fuq kollox il-Kumpanija kellha ordni urgenti li kellha ssir ghal 'export', ghalhekk kien hemm il-bzonn ta' overtime. Minn naha l-ohra, l-impjegata kienet haddiema bil-ghaqal, li ghal zmien twil tat servizz tajjeb, qatt qabel ma kellha xi warning u dejjem qdiet xogholha mill-ahjar li setghet. Ukoll wiehed ma jistax jiehu in konsiderazzjoni li din il-mara ghamlet zmien ma tiflahx, tant li ftit xhur qabel ma tkecciet, hadet xi gimghat 'sick leave' u deheret li kienet anemika.

9. DECIZJONI U AWARD

It-Tribunal semgha bir-reqqa t-tilwima tax-xoghol bejn Christine Bonnici u Johnsons Clothing Co Ltd u studja li Statementsof Case u is-Sottomissjonijiet Finali pprezentati miz-zewg partijiet kif ukoll id-dokumenti kollha li gew pprezentati u studja x'qalu xi xhieda mressqa u ezaminati miz-zewg partijiet f'dan il-kaz.

Meta ma dan kollu u wara li ha in konsiderazzjoni il-fatti msemmija fil-paragrafu (8), it-Tribunal waqt li jaghti ragun lil kumpanija li tat kastig lil appellant talli ma obditx ordni leggittima, ihoss li it-tkeccija mill-impieg kien pass wisq mghaggel u ghalkemm jikkonferma li Mrs Christine Bonnici ghandha titlef l-impieg taghha, b'dana kollu il-Kumpanija ghandha tikkompensaha b' somma ta' LM300 talli l-kastig kien wisq ahrax u ma taha l-ebda cans biex ma tergax wara l-ewwel zball li ghamlet. Din is-somma ghandha tithallas mhux aktar tard minn xahar minn l-ghoti ta' dan l-Award.

A. H. CAMILLERI
Chairman

Edw. F. Abela
A/Segretarju

Data: 12 ta' Lulju, 1984

ja